# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

MEJJU 2021 – Ħarġa Nru: 191



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## SINJALI SBIEĦ

Fil-15 ta' dan, l-Arċisqof Scicluna se jordna żewġ Djakni fis-santwarju tagħna – żewġ seminaristi li għandhom konnessjoni tajba ma' Ħaż-Żabbar. Fil-parroċċa, minn Settembru 'l hawn, għandna magħna seminarista ieħor fit-tieni sena tiegħu ta' formazzjoni – l-istess, b'rabta ma' Ħaż-Żabbar. Hu qed jagħmel esperjenza magħna. Fis-seminarju hemm ġuvni Żabbari li qed jagħrbel lilu nnifsu, biex jara hux il-każ li jibda l-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju.

Dawn kollha huma sinjali sbieħ li juru li Alla, anke fi żmienna, għadu jsejjah żgħażagħ biex jaqduh bħala saċerdoti u anke reliġjużi. Dan għandu jagħmlilna l-qalb biex nitolbu, u anke naħdmu, ħalli fil-familji u l-komunitajiet tagħna, ikomplu jitnisslu u jikbru vokazzjonijiet ġodda.

**Numru baxx**

B'għafsa ta' qalb ngħidu li l-vokazzjonijiet naqsu – u dan għal diversi fatturi. In-numru



dejjem jonqos ta' tfal fil-familji tagħna żgur li jikkontribwixxi għal dan. L-ambjent li qed ngħixu fih, mhux bilfors jgħin biex dak li jkun, jisma' s-sejħa tal-Mulej f'qalbu. Barra minnhekk, hawn diversi opportunitajiet li jistgħu jħajru ż-żgħażagħ tagħna biex jagħżlu karrieri jew xogħlijiet oħra, u mhux il-vokazzjoni.

Hu x'inhu, il-Mulej għadu jsejjaħ bħal qabel biex uħud jimxu warajh aktar mill-qrib, u jaqduh fil-komunitjajiet tagħna bħala saċerdoti u reliġjużi. Il-problema tibqa': Għaliex mhux kull sejħa qed tiġi milquha?

**Rilevanza**

Hawn min jgħid li fis-soċjetà tallum, is-saċerdot m'għadux rilevanti. Naħseb jien, li llum, is-saċerdot huwa rilevanti ħafna aktar minn qabel, meta tista' tgħid li, s-soċjetà kollha kienet tħaddan ir-reliġjon.

Apparti li s-saċerdot irid jiddedika parti mill-ħin tiegħu għat-tqaddis tal-bniedem permezz tal-kult (Liturġija), huwa jiddedika wkoll ħinu għall-formazzjoni umana u nisranija. Dan jagħmlu mhux biss għal dawk li jixtiequ jieħdu l-fidi tagħhom bis-serjetà, iżda anke għal dawk li jinsabu "fil-periferija" – li jfittxu 'l-Knisja l-aktar f'xi okkażjonijiet bħall-magħmudija, griżma, żwieġ, funerali u oħrajn.

Is-saċerdot iħossu qawwi fejn hemm id-dgħufija umana – il-kriżijiet, il-mard, id-diżgwid, l-imwiet… Fejn hemm it-tbatija,

hemm issib is-saċerdot. Fis-soċjetà li qed ngħixu fiha llum, dawn il-ġrajjiet mhux talli ma naqsux, talli żdiedu!

**Fis-skiet**

Is-saċerdot, kuntrarju għal mod kif taħsibha d-dinja, dan kollu jagħmlu fis-skiet: fil-konfessjonarju, fil-pariri li jagħti, fil-inkurġġiment li joffri 'l min iħossu qalbu maqtugħa, fil-konsolzazzjoni li jġib fil-mument ta' kriżi jew mewt. Dan kollu jagħmlu mingħajr daqq ta' trombi.

Dan kollu juri kemm is-saċerdot għadu rilevanti għal żmienna. Tajjeb li aħna lkoll, nitolbu mhux biss għall-vokazzjonijiet, imma anke għat-tqaddis tas-saċerdoti, biex dawn ikunu dejjem ta' eżempju għall-komunitajiet li huma jaqdu.

Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, qaddes lis-saċerdoti tiegħek!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … MEJJU 2021

**Sibt 1:** *San Ġużepp Ħaddiem*, *Tifkira O*. Fis-6.15pm quddiesa bl-omelija dwar it-titfsira tax-xogħol. Waqt l-offertorju jiġu ppreżentati u mbierka l-għodod.
**Ħadd 2:** **Il-Ħames Ħadd tal-Għid**
**Tnejn 3:** San Filippu u San Ġakbu, appostli – Festa
**Ġimgħa 7:** *L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.30pm, ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Sibt 8:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fil-11.30am quddiesa u f'12.00pm tingħad is-supplika tal-Madonna ta' Pompei.
**Ħadd 9:** **Is-Sitt Ħadd tal-Għid**
**Tnejn 10:** *San Ġorġ Preca*, presbiteru u Fundatur tas-Soċjeta' tal-MUSEUM – Festa
**Ħamis 13:** L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Fatima – Tifkira
**Ġimgħa 14:** San Mattija, Appostlu – Festa
**Sibt 15:** Fid-9.30am **Ordinazzjoni tad-Djakonat** ta' Sean Abela u Jean Claude Attard mill-Arċisqof, fis-santwarju tagħna. Tkun trasmessa fuq TVM2 u FB u Youtube tal-parroċċa.
**Ħadd 16:** **Is-Seba' Ħadd tal-Għid u Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema**.
**Ħadd 23:** **Solennità ta' Għid il-Ħamsin – Pentekoste**. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni. Għal din il-quddiesa huma mistiedna **l-adolexxenti tal-Griżma** flimkien mal-ġenituri u l-parrini tagħhom. Wara l-quddiesa tal-5.30pm issir iċ-ċerimonja tat-Tifi tal-Blandun.
**Tnejn 24:** *Marija Omm u Xbieha tal-Knisja* – Tifkira O
**Erbgħa 26:** San Filippu Neri, presbiteru – Tifkira O
**Sibt 29:** San Pawlu VI, Papa – Tifkira. Fil-5.00pm quddiesa u fis-6.30pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.
**Ħadd 30:** **Solennità tat-Trinità Qaddisa.** Fl-10.00am quddiesa bl-Ewwel Tqarbina. Il-quddiesa tal-11.30am issir f'11.45am. Fis-6.00pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.
**Tnejn 31:** Iż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija – Festa

## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Lillian Grima (82), Mary Azzopardi (70), Gracie Cuschieri (62), Joseph Magro (89), Lorenzo Scerri (61), Emmanuel Farrugia (79), Maddalena Axiaq (96), Mario Gerada (54), Joseph Attard (70), Saviour Bonello (93), Michelina Gheiti (87), Marjoan Gatt (40), Noel Aquilina (46).
*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*